SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

MALTA

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna LGO 13/1994/XX

8 ta' Jannar 2016

Lill-Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kumitati Reġjonali

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 03/2016

## GĦELUQ TAS-SENA FINANZJARJA

Bħalma jsir kull sena f'dan iż-żmien u biex dan id-Dipartiment ikun dejjem ta' għajnuna f'dan ir-rigward, qed nerġgħu infakkrukom kif għandkom timxu f'dan il-proċess.

Infakkrukom illi:

(a) l-*financial statements* iridu jiġu ppreparati skont l-*International Financial Reporting Standards (IFRSs) u għandhom* jinkludu l-isem ta' min ikun ippreparahom billi titniżżel nota "*prepared by...*" fuq il-faċċata ta' quddiem tad-dokument (fuq in-naħa ta' isfel fuq il-lemin);

(b) il-*Grants* li l-Kunsilli Lokali jieħdu mingħand il-Gvern iridu jiġu ttrattati bl-*Income Approach* skont l-*IAS 20,* u mhux bil-*Capital Approach;*

(ċ) fejn jirrigwarda flus li l-Kunsill Lokali għandu jieħu miċ-ċitazzjonijiet, fil-waqt li għandu jsir kull sforz biex dawn jinġabru, il-Kunsill Lokali għandu jieħu *full provision for bad debts* għal dawk l-ammonti li huma pendenti għal aktar minn sentejn;

(d) il-flus li tħallsu għan-nom tal-Kunsilli Lokali, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali lil *WasteServ Malta Ltd* biex jinqatgħu il-pendenzi tat-*tipping fees,* għandhom jiġu rrekordjati taħt *Other Supplementary Government Income* fl-*accounts* tas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015. B'hekk dan l-ammont imbagħad jiġi *offset* mal-bilanċ tal-kredituri. Jekk għad hemm xi Kunsilli Lokali li għadhom ma rrekordjawx l-ammonti kollha dovuti lil *WasteServ,* infakkrukom li l-ammont tat-tali *invoices* irid ikun irrekordjat kollu kemm hu (din id-direttiva kienet ingħatat permezz ta' *email* datata 20 ta' Diċembru 2013);

(e) *Street Signs* u *Litter Bins* għandhom jiġu ttrattati fuq *replacement basis;* u

(f) l-allokazzjoni finanzjarja għandha tiġi irrekordjata kollha u jekk ikun hemm xi penali jew *charges* ghandom jidhru separati.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
**t** + 356 2200 2300 **e** info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt

Ta' min iffakkarkom ukoll illi meta jintuża ir-*replacement method* l-assi m'għandhomx jiġu kapitilizzati imma *written off* fl-istatement of Comprehensive Income.

Il-Kunsilli Lokali **għandhom jaraw illi l-persuni li huma fdati biex jippreparaw dawn id-dokumenti, minbarra li jkollhom il-*warrant* ta' *Certified Public Accountant,* ikunu ukoll aġġornati mal-*Accounting Standards* kif ukoll mar-regolamenti u ċirkularijiet relatati mal-Kunsilli Lokali sabiex ix-xogħol isir tajjeb kif meħtieġ.**

Barra minn hekk:

1. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-*financial statements* ġew preparati skont l-*IFRSs* u għandhom jikkonsistu f'dawn id-dokumenti:

(a) *Statement of Comprehensive Income;*
(b) *Statement of Financial Position;*
(ċ) *Statement of Changes in Equity;*
(d) *Cash Flow Statement;*
(e) *Notes to the Financial Statements;* u
(f) *Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities.*

2. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jipprepara ukoll l-informazzjoni li ġejja biex tintuża mill-Udituri biex tibda l-verifika:

i. *l-Invoices* kollha sal-31 ta' Diċembru 2015 għandhom ikunu mdaħħlin u kull pagament għandu jkollu rċevuta fiskali mehmuża;
ii. *Suppliers' Statements* li juru l-bilanċi dovuti mill-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena. Dawn għandhom jiġu mqabbla mal-bilanċi fil-kontijiet rispettivi. Spjegazzjoni għandha tiġi provduta lill-udituri fejn ikun hemm xi varjanza;
iii. *Bank Statements* ta' kull kont bankarju f'isem il-Kunsill Lokali, imqabbla man-*Nominal Ledger* sal-31 ta' Diċembru 2015;
iv. *Depreciation Charge* sal-31 ta' Diċembru 2015;
v. *Fixed Asset Register* imqabbel man-*Nominal Ledger* sal-31 ta' Diċembru 2015;
vi. *Accruals* u *Prepayments* sal-31 ta' Diċembru 2015, imdaħħlin fin-*Nominal Ledger;*
vii. *Stock* fil-31 ta' Diċembru 2015, imdaħħal fil-*Nominal Ledger;*
viii. *Trial Balance* fil-31 ta' Diċembru 2015;
ix. dettalji dwar l-ammonti miġbura mill-*Local Enforcement System* kif ukoll id-debituri marbuta ma' din is-sistema. Importanti li r-rapporti Report 483 u Report 622 jiġu pprintjati li juru l-pożizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2015;
x. dettalji ta' xi *commitments* kif ukoll ta' *contingencies* li jkunu jeżistu relatati ma' Nfiq Kapitali;
xi. lista ta' *Grants* (bħal per eżempju, *Urban Improvement Fund*, Fondi mill-Unjoni Ewropea u Fondi Speċjali fuq Skemi) li l-Kunsill Lokali rċieva matul is-sena finanzjarja, kif ukoll *Schedule* li turi trasferimenti ghal-i*Statement of Comprehensive Income;* u
xii. *Wages reconciliation* sal-31 ta' Diċembru 2015.

Minħabba li jista' jagħti l-każ li din il-lista mhix konklussiva, qabel il-bidu tal-awditjar, kull Kunsill Lokali għandu jirċievi lista li tindika d-dokumenti li l-Udituri rispettivi ser ikollhom bżonn fil-proċess ta' awditjar.

Barra minn hekk, il-Kunsilli Lokali għandhom ikollhom f'idejhom il-*workings* kollha u d-dokumentazzjoni relatata dwar *accruals, prepayments, stock valuations* u *grants*. Dan biex ma jintilifx ħin tal-udituri waqt li jkunu qed jivverifikaw ċertu figuri għax dan jista' jimpatta ħażin fuq is-sottomissjoni fil-ħin tar-rapport.

3. Huwa ferm importanti li wieħed ifakkar li d-dokumenti, kif ukoll il-kotba *(software* u dokumenti oħra) tal-*accounts*, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u għalhekk dawn m'għandhomx jitħallew joħorġu barra mill-uffiċju tal-Kunsill Lokali.

4. Il-*financial statements* approvati mill-Kunsill Lokali u ffirmati u datati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku għandhom jaslu għand l-Awditur Ġenerali **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 19 ta' Frar 2016.** Fl-istess ħin, **kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tintbagħat minnufih lill-Udituri rispettivi biex dawn ikunu jistagħu jibdew x-xogħol tagħhom**. Niġbdulkom l-attenzjoni illi l-Udituri ma jistgħux jibdew l-proċess tal-verifika qabel ma jirċievu l-*financial statements* approvati mill-Kunsill Lokali. L-Udituri però jistgħu jitolbu laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali u/jew jaraw il-minuti tal-laqgħat meta jidhrilhom l-aħjar sabiex jippjanaw l-proċess ta' verifika.

5. Jekk ikun hemm xi aġġustamenti xi jsiru, l-Udituri tal-Gvern Lokali għandhom jiġbdu l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u jirritornaw l-*financial statements* ħalli jsiru l-aġġustamenti neċessarji. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali bl-aġġustamenti li ġew proposti u f'perjodu raġonevoli ta' żmien għandu jikseb il-kunsens tal-Kunsill Lokali. B'aġġustamenti qed nirreferu għall-aġġustamenti materjali jew ta' natura korrettiva biss u li jkunu pproponew l-Udituri jew ġew notifikati lill-istess Udituri. L-ebda aġġustament ieħor m'għandu jsir mill-Kunsill Lokali wara li dan jissottometti l-*financial statements*.

6. Jekk il-Kunsill Lokali jitlob l-għajnuna tal-Udituri Lokali biex jagħmlu xogħol addizzjonali ta' *accounting* biex jagħlqu l-kotba tal-*accounts,* il-ħlas għal dan is-servizz addizzjonali għandu jkun a karigu tal-Kunsill Lokali.

7. F'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ma jaqbilx ma' xi aġġustamenti li jirrakkomandaw l-Udituri, huwa għandu jinforma minnufih lil dan id-Dipartiment biex il-kwistjoni tiġi solvuta mill-aktar fis possibbli.

8. Jekk ma jkunx hemm aġġustamenti xi jsiru, il-*financial statements* xorta għandhom jerġgħu jiġu approvati mill-Kunsill Lokali, biex b'hekk id-data indikata fuq il-*financial statements* tkun viċin dik inkluża fir-rapport tal-Udituri.

9. Min-naħa l-oħra, f'każ li jkun hemm aġġustamenti, dawn għandhom jiġu mgħoddija mill-Kunsill Lokali f'seduta apposta. L-Udituri jistgħu jkunu preżenti waqt dawn il-laqgħat biex jirrispondu biss għal xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fuq l-aġġustamenti li jkunu pproponew. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali għandu jara illi jimxi strettament mad-data li jkun iffissa mal-Udituri għal dawn il-laqgħat u ma joqgħodx jipposponi tali laqgħat mingħajr raġuni valida. Il-*financial statements* finali, iffirmati **u datati mill-ġdid** għandhom jintbagħtu lill-Udituri tal-Gvern Lokali **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' April 2016** sabiex dawn, flimkien mar-Rapport tal-Udituri tal-Gvern Lokali, jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

10. L-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* li tinkiteb mill-Udituri dwar nuqqasijiet li jkunu nstabu fl-operat tal-Kunsill Lokali għandha tiġi diskussa f'laqgħa tal-Kunsill Lokali. Min-naħa tagħhom, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom, wara li jkunu ġabu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali, jagħtu t-tweġiba f'isem il-Kunsill Lokali lid-Direttur Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2016** jew sitt ġimgħat wara li jkunu rċevew l-Ittra mingħand l-Awditur Ġenerali.

11. Meta l-Kunsill Lokali iwieġeb l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri, **dan għandu jwieġeb punt punt kif imqajma f'din l-ittra u mhux iwieġeb b'mod ġenerali.** Ir-Risposta għandha tinkludi sentenza fejn tikkonferma li l-Kunsill Lokali iddiskuta u fehem il-kontentut kollu tal-Ittra ta' Direzzjoni u li ser tittieħed azzjoni kif qed jiġi spjegat fl-istess Risposta. Din ir-Risposta għandha tkun iffirmata kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv.

12. Nerġgħu infakkrukom illi d-Dipartiment se jerġa' jieħu passi kontra dawk il-Kunsilli Lokali illi jonqsu milli jibagħtu l-*financial statements* tagħhom fil-ħin u/jew li jonqsu li jibagħtu r-Risposta tagħhom fil-ħin. Għaldaqstant, qed jerġa' jiġi enfasizzat illi d-dati *(deadlines)* għandhom jinżammu skrupolożament matul il-proċess kollu tal-awditjar. **Madanakollu, id-Dipartiment irid jisħaq illi biex jinżammu dawn id-*deadlines*, ma jfissirx illi jintbagħtu *financial statements* ħżiena jew b'ħafna żbalji**. Dan id-Dipartiment xorta jikkunsidra li jieħu passi kontra dawk il-Kunsilli Lokali li jibagħtu *financial statements* b'mod irresponsabbli.

13. Niġbdulkom l-attenzjoni ukoll illi l-Awditur Ġenerali għadu kemm ħareġ ir-Rapport tiegħu fuq il-qasam tal-gvern lokali għas-sena 2014. Dan ir-rapport fih in-nuqqasijiet illi l-Udituri sabu waqt l-awditjar tal-Kunsilli Lokali. Intom għandkom tiflu sew dan ir-Rapport partikolarment fejn jirrigwarda l-Kunsill Lokali tagħkom u bħala Kunsill Lokali tiddiskutu dawn in-nuqqasijiet bil-għan li ma terġgħux tirrepetuhom. Dan ir-Rapport tistgħu tarawh *online* fuq is-sit uffiċċjali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur fuq http://www.nao.gov.mt/news.aspx?nid=127.

14. Fl-aħħar nett, is-Segretarji Eżekuttivi **<u>għandhom</u>** jgħaddu kopja ta' din il-Memo lill-*accountants* taghhom biex b'hekk il-partijiet kollha involuti ikunu konxji tal-proċess li għandu jiġi segwit. Infakkarkom li għandkom tinfurmaw minnufih lill-Kunsillieri kollha b'dan il-Memo u tagħtu prijorità assoluta biex id-dokumenti kollha meħtieġa jiġu mgħoddija minnufih, mingħajr dewmien.

Id-Dipartiment iħeġġeġ għall-koperazzjoni ta' kull min hu involut f'dan il-proċess.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni